**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 102 – IT-TNEJN, 23 TA' APRIL 2018 FIS-6.05PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 101**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 100**

2.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet il-PO għal Sage hekk kif ġiet approvata l-kwotazzjoni. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm il-bżonn jinxtara laptop biex jiġi installat.

2.2 Għandu jsir follow up man-Nursery ta' San Ġwann FC għal korsijiet tal-first aid.

**3 Pagamenti Numru 89**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ il-permess għal guva fi Ġnien Santa Margerita. Għandu jitkompla l-proċess biex din issir.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar Mertu San Ġwann. Is-Sinjura Joan Farrugia ma taqbilx li qed jittawwal dan il-proċess tal-għażla. Is-Sindku qal li dan il-proċess għandu jingħata due diligence. Għandha terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

4.3 Ġie innutat r-rebħ tal-kampjonat U15 u U17 minn Nursery tal-Football ta' San Ġwann. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' awgurju.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil unanimu li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni biex titneħħa siġra minn Triq iż-Żebbuġ peress li din hija perikoluża. Ġiet innutata korrispondenza minn ERA li din is-siġra mhux protetta u m'hemmx bżonn permess.

5.2 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-istima ta' Print Right biex jiġi stampat il-ktieb tal-Kunsill. Dan għandu jiġi launched fl-attivitajiet ta' Jum San Ġwann.

5.3 Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Rodrick Fenech dwar proposta biex ikun hemm change of use tal-farm tiegħu f'Wied Għomor għal uffiċini. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Kunsilli Lokali tas-Swieqi u ta' San Ġiljan flimkien mal-Periti tal-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni komuni.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat li hemm bżonn xi xogħlijiet fuq ċint fi Vjal ir-Riħan wara in-Next Bike station. Hemm bżonn ukoll xi patching fi Triq il-Mensija.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex tintbagħat reminder dwar il-Community Workers. Għandu jsir komunikazzjoni mal-Kumitat tal-Każin tal-Banda dwar il-kundizzjonijiet li qed joffru lill-Kunsill biex jagħmel użu mill-premises tagħhom bħala uffiċċju temporanju sakemm ikun qed jinbena l-Community Centre tal-Kunsill.

6.3 Is-Sindku tkellem fuq il-possibbiltà li ssir mawra kulturali f'Gela fi Sqallija għal Banda u l-Iscouts ta' San Ġwann.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' April 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**